**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tlieta 12 ta` Frar 2019**

**Rikors Nru. 304/2016/2 JZM**

**Wara s-sentenza tat-30 ta` Ottubru 2018 fil-kawza rikors numru 304/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Av. Jonathan Abela Fiorentino, avukat (detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 555482M) bħala mandatarju speċjali ta` Marsoft International A/S, socjeta` registrata fin-Norvegja bin-numru 937 657 927 u b`indirizz registrat ta` Inkognitogata 33A, 0256 Oslo, fin-Norvegja**

***kontra***

**1. Vroon Containers B.V., socjeta` registrata fl-Olanda bin-numru 22055081 u b`indirizz registrat ta` Haven Westzijde 21, 4511 AR Breskens, fl-Olanda, u**

**2. Balticmax Holding Company Limited (C-0765)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Av. Dr. Richard Galea Debono fit-28 ta` Jannar 2019, kif ukoll id-dokumenti li kienu annessi.

Rat id-digrieti precedenti taghha.

Rat ir-risposti li kull naha pprezentat fl-udjenza tal-11 ta` Frar 2019, kif ukoll id-dokumenti li pprezentat Marsoft International S/A.

Semghet lid-difensuri fl-istess udjenza.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat :**

Illi wara li qieset b`reqqa dak li nghad fir-rikors u fir-risposti ;

Illi wara li semghet lid-difensuri ta` kull naha jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom ;

Illi wara li kkunsidrat ukoll it-thassib li wassal lill-Av. Dr. Richard Galea Debono fil-kuntest tal-mansjonijiet li diga` nghata sabiex jipprezenta r-rikors ;

**Tqis li, salv kull imprevist, l-ahjar mod kif ghandha tkun risolta l-kwistjoni sollevata mir-rikorrent hija li fl-ahjar interess tal-kumpannija Balticmax Acquisition Corporation One Limited, id-direttur attwali Herman Marks ghandu jkun sostitwit minn Sofie Lemlijn.**

**Provvediment**

**Ghalhekk qeghda tordna lir-rikorrent sabiex jassikura li b`effett mil-lum Herman Marks ma jibqax direttur ta`l-kumpannija Balticmax Acquisition Corporation One Limited u jkun sostitwit minn Sofie Lemlijn.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment ghandhom jithallsu billi :-**

**Marsoft International A/S u Vroon Containers B.V. ghandhom ihallsu l-ispejjez taghhom ;**

**u**

**l-ispejjez ta` Balticmax Holding Company Limited u dawk ta` l-Av. Dr. Richard Galea Debono jithallsu in kwantu ghal nofs minn Marsoft International A/S u in kwantu ghal nofs minn Vroon Containers B.V.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**